

Brussell, 29 ta' Awwissu 2025
(OR. en)

12267/25

STATIS 59
SOC 583
ENV 775
ENER 413
EMPL 393
EDUC 342
ECOFIN 1111
DELECT 118

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Awwissu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 4755 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'18.7.2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għall-użu tad-dominju dwar it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2026

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2025) 4755 final.

Mehmuż: C(2025) 4755 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.7.2025
C(2025) 4755 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'18.7.2025

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għall-użu tad-dominju dwar it-teknoloġiji
tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2026**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni¹, jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati li jispeċifikaw l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għad-diversi settijiet tad-data. Waqt l-adozzjoni tal-att delegat, l-għadd tal-varjabbli ma għandux jaqbeż b'aktar minn 5 % lill-għadd tal-varjabbli għal kull dominju ta' dawk diġà meħtieġa b'mod obbligatorju mill-Kummissjoni (Eurostat) fit-3 ta' Novembru 2019.

Dan ir-Regolament Delegat ikopri l-għadd u t-titolu tal-varjabbli għas-sett tad-data fl-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2026.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet xierqa bħala parti mit-tnejn ta' dan l-att delegat. Ma tqajmet l-ebda preokkupazzjoni speċifika waqt il-konsultazzjonijiet.

Il-Kummissjoni kkonsultat l-esperti nazzjonali waqt il-laqgħa tal-grupp ta' esperti "Statistika dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni" nhar il-5 u s-6 ta' Frar 2025.

Għie kkonsultat ukoll il-Grupp ta' Esperti tal-"Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika".

Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ġew informati kif xieraq.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat għandu l-għan li jadotta l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-data fid-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2026, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/1700.

L-għadd ta' varjabbli miġbura jissodisfa r-rekwiżit tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2019/1700, li stabbilixxa l-għadd massimu ta' varjabbli obbligatorji mis-sena ta' referenza 2021 il quddiem. Il-varjabbli miġbura biss iħallu impatt fuq il-piż. Il-varjabbli jiġu rivalutati u rotati bejn is-snin ta' referenza biex ikopru l-ħtiġijiet ta' politika filwaqt li jillimitaw il-piż tar-rapportar.

L-att delegat ma għandux implikazzjonijiet fuq il-baġit tal-UE.

L-att delegat jikkonċerna materja marbuta maż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u għalhekk l-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tiġi estiża għaż-ŻEE.

¹ ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1700/oj>.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'18.7.2025

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għall-użu tad-dominju dwar it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2026

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

Biex ikunu koperti l-ħtiġijiet tal-istatistika għas-suġġetti dettaljati rilevanti stipulati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1700, jeħtieġ jiġu speċifikati l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-data fl-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2026,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għadd u t-titoli tal-varjabbli għall-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2026 għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

¹ ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1700/oj>.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18.7.2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN